MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 41

23 ta' Awwissu 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 41 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 23 ta' Awwissu 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li talab jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 18.2. (Ref: X/1/5/) tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"18.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għal tabelli li twaħħlu fuq il-Moll tat-Tunnara sabiex jipprojbixxu l-ipparkjar ta' karrijiet illi ma jkunux irmunkati mal-vetturi, fis-Sibtijiet u l-Ħdud, bejn id-9.00am u s-6.00pm biss. Huwa lmenta li din it-tabella għandha tindika li l-ipparkjar tal-karrijiet biss għandu jiġi ttollerat. Kompla jgħid li ż-żewġ spażji riżervati, li jintużaw f'każ ta' emerġenza, għandhom jsiru, filwaqt li hemm karru abbandunat li jista' jitneħħa u tnejn oħra illi għandhom jitneħħew ukoll billi l-opri li jinġarru fuqhom jitħallew fil-baħar tul is-sajf kollu.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-emenda mitluba fil-minuti tas-seduta Nru. 40 li saret fis-26 ta' Lulju 2010, u għalhekk ġew iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Konkors - Sportivi Melleħin tas-Sena 2009/2010 (S/4/4)

2.1.2. Sar aċċenn għall-minuta 2.1.1. dwar l-attivita` imsemmija li saret fil-31 ta' Lulju 2010. Is-Sindku kkummenta li kollox ma kollox l-attivita` marret tajjeb, iżda kien jistenna aktar inpenn u parteċipazzjoni mit-timijiet li kienu nominati.

2.1.3. Is-Sur R. Cutajar li kien hemm min tkellem miegħu u stqarr li l-konkors qed jiġi ddominat minn sportivi li għamlu isem fuq bażi nazzjonali u/jew internazzjonali, filwaqt li dawk li għadhom telgħin mhumiex jingħataw l-inkoraġġiment li jistħoqilhom biex ikompli javvanzjaw. Huwa għalhekk ippropona li sa l-edizzjoni li jmiss għandu jitwaqqaf kumitat sabiex jara x'tibdil huwa meħtieġ isir.

2.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel ma' l-opinjoni espressa fil-minuta 2.1.3. u jemmen li l-emfasi għandu jkun aktar fuq sportivi li għadhom qed jitrawwmu fuq bażi individwali jew mat-timijiet lokali.

2.1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li n-nominazzjonijiet qed kull darba jkunu dominati mill-istess ismijiet – li ħafna drabi jkunu sportivi li diġa huma stabbiliti.

2.1.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jitwaqqaf sotto-Kumitat kompost minn żewġ kunsillieri u żewġ opinjonisti fil-qasam sportiv.

**2.2.1. Proġett – "*Two Coasts - One Europe*" (P/10/6)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi t-talbiet li saru għall-ko-finanzjament taż-żewġ partijiet ta' dan il-proġett ġew approvati mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubbika.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Tindif ta' aperturi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol IV)**

2.3.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-ewwel servizz rigward it-tindif tal-aperturi ffinanzjat mill-Kunsill ser jingħata fis-26 ta' Awwissu 2010.

2.3.3. Is-Sindku qal ukoll li n-*Night Shelter* huwa ppjanat li jiftaħ minn Ottubru 2010 u jkun ikkordinat bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsill Lokali.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel.

2.4.1. **Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal Korsijiet *Lifelong Learning* (E/3/1/Vol III)**

2.4.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li r-rispons tar-residenti għall-korsijiet taħt din l-iskema, kien kif jidher hawn taħt:

| Suġġett | Nru. ta' Applikazzjonijiet |
|---|---|
| Malti (*Beginners*) | 19 |
| *Studying Skills* | 21 |
| Bizzilla (*Beginners*) | 11 |
| Bizzilla (Avvanzat) | 14 |
| Arti u Artiġġjanat | 3 |

2.4.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-kors tal-Malti ser ikun iffinanzjat totalment mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, filwaqt li l-bqija ser ikunu ko-finanzjati bejn l-istess diviżjoni u l-Kunsill

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Pjan għall-Iżvilupp Rurali - Mizura 313 u 323 – *Heritage Trail* f'Selmun (P/10/3)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.9.1. u għarraf li permezz ta' ittri datati 18 ta' Awwissu 2010, l-Aġenzija tal-Pagamenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali approvat l-allokkazzjoni ta' ú300,000 taħt il-Miżura 323, li 50% minnhom ser jingħataw fil-jiem li ġejjin. L-Aġenzija għarrfet li aċċettat ukoll it-talba taħt il-Miżura 313 u approvat is-somma ta' ú575,000, li iżda ġew temporanjament sospiżi sakemm ikun hemm fondi biżżejjed biex dawn jingħataw. Is-Sur R. Cutajar qal li l-pass li jmiss huwa li l-*outline development applications* li saru s'issa għandhom jiġu mibdula f'talbiet formali sabiex ikunu jistgħu jitfasslu l-dokumenti tal-offerti skond il-permessi li jinħarġu.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. *Mellieħa Gardens by Night* (A/5/3/Vol VIII)**

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 21.3. tas-seduta preċedenti dwar attivita` li ttellgħet fil-Manikata bħala parti mis-serje` ta' attivitajiet Mellieħa *Gardens By Night* li saret fit-13 ta' Awwissu 2010. Is-Sur R. Cutajar qal illi minkejja li jsir sforz biex il-Manikata tiġi nkluża fl-attivitajiet illi jiġu organizzati mill-Kunsill, f'dan il-każ ma kienx hemm il-konkorrenza

mistennija mir-residenti tal-Manikata. Fil-fatt il-pubbliku li attenda kien minn barra-il Manikata.

### 2.7.1. Żieda fis-servizzi tal-Infurzar tal-Liġi matul ix-xhur tar-Sajf (W/3/Vol VIII)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti u lmenta li minkejja ż-żieda fis-siegħat tal-Gwardjani Lokali u l-*Green Wardens*, mhux qed ikun hemm l-effett mixtieq, partikularment f'dak li jirrigwarda abbużi fuq ix-xtut, partikularment dwar l-ikkampjar. Huwa qal illi mhux aċċettabbli li minkejja r-riżorsi finanzjarji li ġew allokati għal dan il-għan mill-Kunsill, jiġri bħalma ġara nhar il-Ħadd 22 ta' Awwissu 2010 meta s-servizz ma ngħatax peress li l-Gwardjan Lokali nvolut irrapporta bis-*sick leave*.

2.7.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li bħala eżempju huwa lmenta li mhux aċċettabbli li jkun hemm bajjiet bħall-Armier u r-Ramla tat-Torri l-Abjad fejn ikun hemm numru ta' kampijiet mingħajr ma jiġu ċċekkjati.

2.7.4. Is-Sur R. Cutajar qal li diġa saret laqgħa ma' uffiċjali għoljin tal-aġenzija Guard and Warden u l-Uffiċjal Awtorizzat, bil-għan li l-persuni nvoluti jingħataw struzzjonijiet ċari dwar dak li huwa mistenni minnhom.

### 2.8.1. Gallariji fi Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/2/1)

2.8.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm fuq dak li ġie deċiż.

2.8.3. Is-Segretarju wieġeb li huwa kkuntattja lir-resident konċernat u rriżulta li t-twaħħil ta' *U-bends* jostakola d-dħul u l-ħruġ mill-garaxxijiet li hemm f'din il-parti tat-triq. Minflok ġie propost li jitwaħħlu tabelli li jipprojbixxu d-dħul ta' vetturi kbar.

2.8.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.9.1. Stedin mill-Kunsilli Lokali ta' Pozzallo u Adenau (A/5/3/Vol VIII) (K/1/5/Vol IV)

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi ż-żjara li kellha ssir f'Pozzallo għas-*Sacra Del Pesce*, bejn is-7 u 9 ta' Awwissu 2010 ġiet imħassra peress li l-Comune di Pozzallo ma ngħatax il-finanzjament meħtieġ mill-Kunsill Reġjonali li jaqa' taħtu. Dan sar magħruf permezz ta' *e-mail* datat 3 ta' Awwissu 2010.

2.9.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-grupp ta' Melleħin li kien ser jipparteċipa f'Pozzallo għandu minflok jattendi għall-attivitajiet li ser iseħħu f'Adenau fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-iffirmar tal-ġemmellaġġ tagħhom mal-lokalita` Franċiża ta' Sillery. Huwa qal li ġew mistiedna sabiex jattendu għoxrin persuna, li jikkonsistu f'żewġ *chefs*, erba' kantanti, il-grupp mużikali JAMM iffurmat minn erba' mużiċisti u żewġ produtturi ta' ikel tipikament Malti. Jixtieq jattendu wkoll żewġ atleti mill-Mellieħa Athletic Club u tliet artisti mill-Art Club 2000. Il-parteċipazzjoni tal-grupp ser tkun kordinata mis-Sindku u l-Kunsillier H. Fenech. Is-Sindku ppropona li flimkien mal-Kunsillier H. Fenech jattendi kunsillier ,mill-grupp tal-Partit Laburista. Minħabba raġunijiet ta' xogħol l-ebda wieħed ma kien jista' jattendi minn dan il-grupp.

2.9.4. Ġie spjegat li l-Kunsill ta' Adenau ser jipprovdi l-akkomodazzjoni mingħajr ħlas għal 20 persuna parteċipi fl-attivita`. Persuni li jixtiequ jakkumpanja lill-parteċipanti ser jintalbu jħallsu ú50 kull lejl mill-Kunsill Lokali ta' Adenau. Dan sar magħruf waqt żjara preparatorja li saret mill-Viċi Sindku E. Bartolo ftit jiem qabel. Din l-inizjattiva ttieħdet mill-Kunsill ta' Adenau wara li kisbu finanzjament mill-Unjoni Ewropea. L-istess Kunsill ser jagħmel tajjeb għall-eskurzjonijiet li ser jiġu organizzati waqt iż-żjara li ser isseħħ bejn is-26 u t-30 ta' Awwissu 2010. Huwa għarraf illi wara li nġiebu prezzijiet tal-biljetti tal-ajru mill-Air Malta u Lufthansa rriżulta li l-irħas wieħed kien ta' ROCS Group li jiswew ú240 kull wieħed u ppropona li l-Kunsill jissussidja ú70 minn dan l-prezz għall-grupp ta' 20 persuna, illi jammonta għal spiża totali ta' ú1,400. Il-biljetti tas-Sindku u l-Kunsillier H. Fenech ser jiġu sponsorjati mid-ditta Edible Oil Ltd.

2.9.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa mis-Sindku.

### 2.10.1. Ġimgħa Maltija fi Brussel (T/12/Vol II)

2.10.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 15.1. dwar l-attivita` imsemmija li ser issir bejn l-4 u s-7 ta' Ottubru 2010 fil-pjazza ta' quddiem il-Parlament Ewropej fi Brussel. Huwa qal li kif kien mitlub, il-kordinaturi tal-parteċipazzjoni Maltija – l-Onor. Simon Busuttil - l-Kap tad-Delegazzjoni Maltija tal-Partiti Popolari Ewropej - u l-Onor Louis Grech – membru tad-Delegazzjoni Maltija tal-Partiti Soċjalisti Ewropej, bgħatu stedina formali għall-parteċipazzjoni f'dan l-avveniment. Fl-istess stedina pproponew ukoll li l-Mellieħa tipparteċipa bi *stand* ta' promozzjoni għal-lokalita`, kif ukoll jingħata sehem dirett fl-attivitajiet li ser jiġu organizzati matul il-ġimgħa.

2.10.3. Għaldaqstant ġie kkonfermat li l-Kunsill irid jintrabat illi jikkontribwixxu ú4,000 biex ikopri parti mill-ispejjeż li ser jkun hemm biex tittellgħa din l-attivita' fil-qalba tal-Istituzzjonijiet Ewropej. Iridu jintbagħtu bejn 6 u 8 persuni biex itellghu *re-enactment*. Minħabba illi dawn ser ikunu qed jagħtu sehemhom biex tittellgħa lejla Maltija, l-ispejjeż tat-titjira u l-akkomodazzjoni tagħhom ser ikunu koperti mid-Delegazzjoni Maltija. Il-Kunsill ser ikun rappreżentat mis-Sindku R. Cutajar u l-Kunsillier J. Buttigieg, u l-ispiża relattiva ser tkun parti mis-somma ta' ú4,000 speċifikata aktar 'il fuq. Il-Kunsill intalab id-dettalji tal-persuni li ser ikunu nvoluti.

2.10.4. Il-Kunsill approva l-pagament mitlub, kif ukoll l-ispiża addizzjonali sabiex jattendi wkoll l-Viċi Sindku E. Bartolo. Din id-deċiżjoni ttieħdet fid-dawl tal-fatt li fl-Estimi kien hemm fondi vvutati għall-Promozzjoni Turistika fil-vot 2930.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 20/07/10 – 10/08/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 20/07/10 – 10/08/10
- *Purchase Request Form* – 11/08/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2010
- Skeda ta' Offerti – Kuntratt dwar il-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat – 02/08/10

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Park tal-Majjistral (A/4/10)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Lulju 2010 mibgħuta mis-Soċjeta` Din l-Art Ħelwa, fejn l-istess għaqda ħabbru li ser ikun hemm konsultazzjoni pubblika dwar il-Park tal-Majjistral sal-15 ta' Settembru 2010.

4.1.3. Is-Sindku kkummenta li din l-inizjattiva ma kelliex tittieħed mill-NGO's involuti fit-tmexxija tal-Park, iżda mill-Bord kollu. Is-Sur R. Cutajar qal li dan is-suġġett ser jitqajjem fil-laqgħa tal-Bord li jmiss.

4.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Tisħib f'attivitajiet marbuta mal-Festa tal-Vitorja (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 11 ta' Awwissu 2010 mibgħuta mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina sabiex jissieħbu mal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet qabel il-Festa tal-Vitorja f'Settembru 2010.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li l-involviment tiegħu m'għandux ikun iktar minn ú300.

### 4.3.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 17 ta' Awwissu 2010, mibgħuta mis-Sur Godfrey Gauci, is-sid tal-fond li jinsab taħt il-bini proprjeta` tal-Mellieħa Sports Club, fi Triq il-Madonna tal-Fatima kantuniera ma' Triq il-Parroċċa. Permezz tal-istess ittra, is-Sur Gauci għarraf lill-Kunsill li l-ħanut bl-isem ta' "*Foodland*" jinsab għall-bejgħ bil-prezz ta' ú128,115.

4.3.3. Is-Sindku qal li huwa kellu l-intenzjoni li jsejjaħ laqgħa mal-Kumitat tal-Mellieħa Sports Club, iżda żamma wara li waslet l-ittra msemmija.

4.3.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-Perit J. Attard għandu jispezzjona l-fond "*Foodland*" sabiex jagħmel rapport dwaru, kif ukoll biex jiġi stabbilit il-valur tiegħu fuq is-suq.

### 4.4.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq il-Pitirross u Triq Ġużè` Flores (T/3/2/Vol X)

4.4.2. Inqrat *e-mail* datata 19 ta' Awwissu 2010, mibgħut mis-Sur John Cauchi, fejn ippropona li ż-żewġ toroq imsemmija jsiru *one-way* minħabba l-kantuniera perikoluża li hemm.

**4.4.3.** Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba ma' tistax tiġi milqugħa billi ż-żewġ toroq imsemmija ma jistgħux jiġu iżolati mill-kumplament ta' oħrajn fiż-żona tal-Ibraġ. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-linja safra doppja mal-ġnub li hemm ma' Triq il-Kbira u l-Park tal-Familja hija biżżejjed.

### 4.5.1. PA 5919/09 – Bini ta' Lukanda 3 *Star* fi Triq Ġ. Borg Olivier (P/5/8/G)

4.5.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmi li tinvolvi sit li jinsab bejn Triq Ġorġ **Borg Olivier, Triq San Publiju u Triq il-Kappillan Magri. Ġie spjegat li l-proposta tinkludi it-twaqqiegħ tal-bini eżistenti u l-bini ta' lukanda 3 *Star* u ħwienet.**

4.5.3. Il-Kunsill osserva li meta nbena l-bini eżistenti, kienet inqalgħet kwistjoni dwar l-osservazzjoni tal-linja uffiċjali fuq in-naħa ta' Triq San Publiju. Ġie osservat koll li filwaqt illi għalkemm is-sit huwa relattivament żgħir, qed jintalab li tinbena lukanda sabiex il-binja tkun eżenti mill-*policy* NWUS 5 tal-Pjan Lokali, li tippermetti biss tliet sulari u *semi-basement* min-naħa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq San Publiju u żewġ sulari mingħajr *semi-basement* fuq Triq il-Kappillan Magri.

4.5.4. Il-Kunsill jemmen li bini għoli aktar minn żewġ sulari jkompli joħloq effett klawstrofobiku fi Triq il-Kappillan Magri, kif sar fil-każ tal-Maritim Antonin Hotel. Il-fattur tal-ipparkjar għandu wkoll jittieħed in konsidrazzjoni f'żona fejn dan diġa huwa skars minħabba r-residenzi u negozji oħra li hemm fil-qrib.

4.5.5. Filwaqt li l-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA f'dan ir-rigward saż-żmien stipulat, l-iżviluppatur u/jew il-perit tagħha għandhom jintalbu jispjegaw l-intenzjonijiet tagħhom aktar fid-dettal.

### 4.6.1. Skema ta' finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli (C/3/2/Vol II)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 21 ta' Ġunju 2010, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn id-Direttur Ġenerali wieġeb għall-ittra tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2010. Fiha ntqal li l-istudju ffinanzjat taħt l-iskema msemmija ma jistax jingħata direttament lil konsulenti li fasslu l-applikazzjoni u għalhekk jeħtieġ issir sejħa għall-offerti. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid illi din saret minn E-Cubed Consultants Ltd li m'humiex interessati li jitfgħu l-offerta.

4.6.3. Sar qbil iżda, li l-istess ditta għandha tintalab tagħti s-servizzi tagħha biex tikkordina l-proċedura li trid tiġi segwita, bi spiża li ma taqbisx ú500.

4.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Awwissu 2010.

5.3. Il-Kunsillier C. Bartolo irrefera għall-*items* 16 u 32 dwar l-użu tal-faċilijiet f'St James Cavalier biex saret il-konferenza stampa dwar l-Iljieli Melleħin 2010 u s-Seminar li sar fis-Seabank Hotel rigward l-iffilmjar tal-*musical* "L-Imħabba Fuq l-Għolja". Huwa kkummenta li filwaqt illi l-ammonti nvoluti huma raġġjonevoli, bħala proċedura, kien ikun aħjar jekk il-Kunsill kien notifikat dwarhom minn qabel.

5.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li skond kif spjegat fil-minuta 5.3. aktar 'l fuq, kien ikun possibbli li jattendu l-kunsillieri, fir-rigward tas-seminar li sar is-Seabank Hotel.

5.5. Is-Sindku wieġeb li l-intenzjoni oriġinali kienet li l-konferenza stampa ssir fil-Mellieħa, iżda kien ikun diffiċli li jattendu l-ġurnalisti sabiex jirrappurtaw dwarha. Rigward is-seminar dwar l-*filming* tal-*musical*, is-Sur R. Cutajar qal li ħadd mill-Kunsillieri ma' kien preżenti. L-għan ewlieni kien li jiġi mfassal *filming plan* u li ssir attivita` soċjali għall-parteċipanti tal-*musical* li offrew is-servizzi tagħhom mingħajr ħlas, kemm waqt ir-*rehearsals*, kif ukoll fit-tliet rappreżentazzjonijiet li saru s'issa

5.6. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-20 ta' Lulju u l-10 ta' Awwissu 2010.

6.3. Tressqet wkoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn l-20 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu 2010.

6.4. Il-Kunsill approva l-iskedi msemmija fil-minuti 6.2. u 6.3., u għalhekk ġew iffirmati.

## 7.1. Proposta dwar il-bini ta' kumpless residenzjali u kummercjali fi Triq Ġorġ Borg Olivier – PA 1936/09 (P/5/8/G)

7.2. Is-Sindku għarraf li l-iżviluppatur ma kienx f'posizzjoni li jattendi għas-seduta, iżda ħalla kopja tal-pjanti li huwa ssottometta lill-MEPA.

7.3. Wara li l-Kunsill ra l-imsemmija pjanti ddeċieda li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA dwar:

- Il-ħtieġa li l-bini jidħol 'il ġewwa għallinqas b'metru mil-linja eżistenti tat-triq sabiex tiġi evitata l-konġestjoni tat-traffiku; u
- Għandu jiġi aċċertat li bit-tqattiegħ tal-blat li jeħtieġ isir skond il-pjanta sottomessa, ma tiġix affettwata n-nixxiegħa tal-ilma li hemm aktar 'l isfel fil-Wied tal-Madonna.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2010 (A/5/3/5/Vol II)

8.2. Is-Sindku għarraf l-i*sponsors* ewlenin għall-edizzjoni msemmija ser ikunu Montekristo, Bank of Valletta plc, is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Publika, is-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu l-Ambjent u l-Kultura, il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Sign-It, General Soft Drinks, Lighthouse and Ashley, Miracle Foods u Nexos Lighting. Magħhom ser ikun hemm Express Trailers Ltd li ħa jipprovdu t-trasport tal-merkanzija li ser tintuża mill-gruppi li ġejjin minn Adenau l-Ġermanja u dak ta' Cavriglia fl-Italja. Għalkemm l-ispiża għal dan it-trasport ser tammonta ú737.50, l-istess kumpanija ser tgħaddi *credit notes* għall-istess valur li jissarfu għand kumpanija sussidjara tal-ivjaġġar – Eyre Travel Ltd – biex jitħallsu biljetti tal-ajru għal xi safar konness ma' l-attivitajiet li jkun involut fihom il-Kunsill. Fil-każ ta' Nexos Lighting, is-Sindku ppropona li tinħareġ *purchase order* dwar it-tagħmir tad-dawl li tammonta għal ú1,000, liema spiża ġiet issussidjata. Bl-istess mod kienu nvoluti Lighthouse and Ashley fir-rigward tad-disinn u l-istampar tal-programm. General Soft Drinks ser jagħmlu tajjeb għal ú3,500 mill-ispejjeż li jsiru b'rabta mal-attivitajiet li ser jiġu organizzati. Miracle Foods ingħataw spażju bħala *sponsors* fuq il-programm stampat billi ssussidjaw parti mill-ikel li ser jittieħed mix-*chefs* Melleħin waqt iż-żjara fÁdenau bejn is-27 u d-29 ta' Settembru 2010.

8.3. Is-Sur R. Cutajar qal li waqt is-serata miżiko-letterarja tad-9 ta' Settembru ser ikun hemm it-tnedija tat-tieni ktieb fis-sensiela Hannieqa Kulturali bl-isem "*In Search of Identity – The Mellieħa Experience*" ta' Paul P. Borg. Bħala parti mill-programm tal-10 ta' Settembru, ser ikun hemm taħdita dwar il-biodiversita, kif ukoll wirja ta' gallariji antiki, imtellgħa mill-MEPA. Fl-istess attivita` ser jiġi ffirmat il-ftehim mal-MEPA dwar il-finanzjament tat-tieni fażi tal-proġett tal-*playing field* f'*Mellieħa Heights* taħt il-Fond għat-Titjib Urban, amministrat mill-istess MEPA.

8.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li l-grupp ta' Cavriglia ser ikun jikkonsisti f'20 persuna li ħamsa minnhom ser ikunu uffiċjali, tliet artisti, tliet *chefs*, erba' mużiċisti, *disk jockey* u fotografu, fost oħrajn. Huwa qal li dawn talbu faċilitajiet għat-trasport tal-affarijiet li ser jintużaw mill-istess grupp. Waħda mill-artisti talbet li tagħmel mural u għalhekk il-Kunsill ġie mitlub jindika post fejn dan jista' jsir. Bħala postijiet issemmew il-Ground f'Ta' Pennellu u l-ħnejjiet ta' Ġnien Dun Anton Debono f'Tal-Ibraġ. Il-Kunsill qabel ma' l-aħħar suġġeriment. Wieħed mill-artisti huwa skultur u talab li jingħata l-materjal u xi għodda biex ikun jista' jaħdem.

8.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li l-grupp ta' Adenau ser ikun jikkonsisti minn 30 persuna li bejniethom huma ntitolati għall-rifużjoni ta' ú2,449 għall-ispejjeż tal-ivjaġġar taħt il-*Europe for Citizens Programme* tal-Unjoni Ewropea. Il-parti l-kbira tal-grupp ser ikun kompost

minn banda ta' 18-il mużiċist, *chefs* li ser jippreparaw ikel tradizzjonali tar-reġjun, artist, uffiċjali mill-Kunsill Lokali ta' Adenau u oħrajn.

8.6. Is-Sindku qal li qed isiru arranġamenti biex it-tliet gruppi jkunu alloġġjati fil-Mellieħa, bit-Taljani fir-Riu Seabank Hotel u ċ-Ċiprijotti fil-Maritim Hotel Antonin. Il-grupp tal-Ġermaniżi għarraf li saru kuntatti diretti mal-Luna Complex u b'hekk iffinalizzaw il-*booking* huma. Is-Sur R. Cutajar qal li dan ifisser li l-Kunsill mhux ser ikun involut fi ħlasijiet ta' akkomodazzjoni fil-każ tagħhom. Is-Sur R. Cutajar ippropona li fil-każ tat-Taljani 12-il persuna jrid jagħmel tajjeb għall-alloġġjar tagħhom il-Kunsill Lokali Mellieħa għaliex is-Sindku ta' Cavriglia Ivano Ferri talab sabiex l-artisti biss ma jintalbux ħlas għal din l-esperjenza fil-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li wara illi tkellem mal-Kunsillier John Buttigieg kien hemm qbil li l-Kunsill jakkododa t-talba tas-Sindku Ferri. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li għandha ssir applikazzjoni għall-fondi taħt l-Iskema ta' Ko-finanzament sabiex jagħmel tajjeb għad-differenza bejn l-ispiża attwali u l-flus li ġew allokati taħt il-*Europe for Citizens Programme* tal-Unjoni Ewropea.

8.7. Bħala rigali li ser jiġu ppreżentati, is-Sindku ppropona li jingħataw pitturi żgħar u *banners* lis-Sindki tat-tliet lokalitajiet li ser ikunu preżenti. Fil-każ ta' Agia Napa ser ikun hemm il-Viċi Sindku. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa wkoll li jsiru 30 kopja tal-ktieb "*In Search of Identity – The Mellieħa Experience*" fil-verżjoni *hard bound* sabiex jiġu ppreżentati wkoll lir-rappreżentati tat-tliet kunsilli li ħa jkunu qed jipparteċipaw, kif ukoll lil mistiedna distinti, fosthom il-Prim Ministru u l-Kap tal-Opposizzjoni. Intqal ukoll li saru arranġamenti biex minn Sqallija tinġieb il-kantanta Nicoletta Caravello, li l-ispiża tal-ivjaġġar tagħha bil-catamaran ser tkun sponsorjata minn Virtu` Ferries minbarra l-*fuel surcharge*, filwaqt li l-Kunsill irid jipprovdi akkomodazzjoni għal tliet iljieli.

8.8. Ġie propost li t-tliet gruppi għandhom jittieħdu fuq eskurżjoni li tinkludi l-Imdina, il-Limestone Heritage u l-Crafts Village f'Ta' Qali.

8.9. Is-Sindku qal ukoll li qed isiru kuntatti biex tinġieb it-*trackless train*, fejn din id-darba l-operaturi tagħha ser jintalbu jagħmlu żewġ waqfiet, waħda fejn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u oħra fuq nett fi Triq il-Kbira.

8.10. Saret referenza għall-*e-mail* datat 16 ta' Awwissu 2010, fejn il-Koperattiva Rurali Manikata għarrfet li ma tkunx f'posizzjoni li tipparteċipa fil-wirja agrarja kemm-il darba ma tingħatax l-opportunita` li tbiegħ ikel waqt l-attivitajiet li ser jittellgħu.

8.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposti mressqa,

## 9.1. *Resurfacing* ta' Triq il-Kbira bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/13/Vol X)

9.2. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jerġa' jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 10.1. Sejħa għall-offerti sabiex jingħata kuntratt dwar il-Ġbir ta' Skart Goff (K/6/8)

10.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' ittra data 3 ta' Awwissu 2010 il-Cleansing and Maintenance Department għarraf li mhux ser jibqa' jiġbor skart goff wara Settembru 2010, peress li l-kuntratt li huma kellhom mal-Kunsill kien skada.

10.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħal għall-offerti.

## 11.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2010 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti. Huwa spjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali kien jikkonsisti mit-tieni *tranche*` tal-**Allokazzjoni Annwali, filwaqt li** l-Gvern Ċentrali għadda nofs is-somma ta' ú20,000 allokata taħt l-Iskema Lokalitajiet Sostenibbli. Flimkien ma' dawn, mill-bidu tas-sena kien hemm dħul ta' ú40,000 u ú5,000 li kienu ġejjin mill-għoti tal-*Local Enterprise Award* u l-kwalifikazzjoni għall-*Green Challenge Award*, rispettivament.

11.3. It-total ta' dħul minn **Servizzi Komunitarji** żdiet imqabbel mat-tliet xhur preċedenti - minn ú3,271 għal ú4,330. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas marbut mal-attendenza għall-AvventuraSajf 2010 (ú1,385), permessi għall-i*skips* (ú55), bejgħ ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (ú162); permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq u attivitajiet fil-pubbliku (ú2,497); permessi għal xogħlijiet fit-toroq (ú212); u oħrajn (ú20).

11.4. Id-dħul ta' natura **Ġenerali** kien jikkonsisti fi ħlas għal ħsara li saret fuq proprjeta` pubblika ta' ú295, filwaqt li kien hemm ukoll kontibruzzjonijiet illi l-Kunsill irċieva b'rabta ma' attivitajiet li organizza, li laħqu ú2,275. Dawn kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Milied Melliehi '09 | ú1,500 |
| Iljieli Melleħin '09 | ú 400 |
| Animal Fest '10 | ú 200 |
| Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ | ú 175 |

11.5. L-iżbilanċ qawwi li jidher mqabbel mal-estimi, jirriżulta mill-fatt li l-MEPA kienet għadha m'għaddietx il-fondi kommessi fuq il-Proġett tal-*Playing Field* / Ġnien Pubbliku f'*Mellieħa Heights*. Dan jinvolvi s-somma ta' ú147,545 fuq medda ta' tnax-il xahar. Huwa mistenni li l-kuntratt relattiv jiġi ffirmat f'Settembru 2010.

11.6. In-nefqa fuq **is-Salarji** kienet skond kif prevista fl-estimi. B'riżultat ta' struzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, iż-żieda fl-onorarja tas-Sindku li inizjalment kienet ingħatat b'effett minn Novembru 2009, ġiet imnaqqsa fi Frar 2010, wara li l-istess struzzjonijiet ġew irtirati permezz ta' Memo 3/2010. Għaldaqstant jidher li kien hemm nefqa inqas fir-rigward tal-Onorarja tal-Sindku fl-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja.

11.7. Bejn April u Ġunju 2010, in-nefqa attwali fuq il-**Manutenzjoni tat-Toroq** kienet inqas mill-vot allokat b' ú17,917. Din kienet imqassma hekk:

| | |
|---|---|
| *Patching* | 6,748 |
| Bankini | 2,977 |
| *Culverts* | 68 |
| Tisbiħ | 577 |
| Toroq tal-Bdiewa | 223 |

11.8. F'dak li jirrigwarda l-manutenzjoni ta' **Tabelli u Sinjali tat-Traffiku** jidher li fl-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja kien hemm infieq li qabeż b'mod sostanzjali l-estimi. Dan irriżulta mill-fatt li l-kuntrattur konċernat dam diversi xhur ma jgħaddi talbiet għall-ħlas. L-aħħar kont mgħoddi kien f'Jannar 2010 u ikopri diversi xogħol li sar fuq medda ta' diversi xhur qabel. Din it-tendenza min-naħa tal-kuntrattur konċernat kienet evidenti bejn April u Ġunju 2010, meta jidher li kien hemm ftit li xejn infieq fuq it-tabelli u sinjali tat-traffiku.

11.9. In-nefqa globali marbuta mas-**Servizzi Kuntrattwali** għat-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport kienet inqas mill-estimi b'ú15,686, filwaqt li fuq medda ta' sitt xhur, din kienet inqas b'ú21,988. Din iċ-ċifra tirriżulta wara li ġew esklużi s-servizzi kuntrattwali kollha mogħtija fix-xhur qabel bdiet is-sena finanzjarja, f'Jannar 2010, kif ukoll wara li ttieħdu in konsiderazzjoni spejjeż li kienu għadhom ma' daħlux fil-kotba sa l-aħħar ta' Ġunju 2010 *(accruals).*

11.10. In-nefqa fuq is-servizz tal-**Ġbir ta' l-Iskart** għat-tliet xhur koperti bir-rapport tinkludi fiha spiża stmata li tlaħħaq ú11,703 fuq it-*Tipping Fees* li ġew imposti mill-WasteServ (Malta) Ltd, biex jiġi depożitat l-iskart imħallat fil-*landfill* tal-Magħtab, jew fl-impjant ta' Sant' Antnin. Il-Gvern Ċentrali qed jagħti kumpens dirett għal din in-nefqa li jlaħħaq ú9,922 kull tliet xhur. Ingħataw struzzjonijiet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex l-ammont li jitħallas bħala *Tipping Fees* lill-WasteServ ikun ekwivalenti għall-allokazzjoni li tingħata għal dan il-għan mill-Gvern Ċentrali.

11.11. Filwaqt li l-ispejjeż fuq **Servizzi Professjonali** jikkonsistu prinċipalment fil-ħlas tal-*Contracts Manager* inkarigat mill-Operat Ġenerali tal-Kunsill, matul it-tliet xhur koperti fir-rapport, kien hemm ukoll nefqa sostanzjali fuq titjib fis-*software* tas-sistemi mħaddma mis-Segretarjat għaż-żamma tal-kontijiet, kif ukoll l-introduzzjoni ta' *software* ieħor meħtieġ għaż-żamma ta' *records* tal-pagi, onorarja u *allowances* imħallsa mill-Kunsill.

11.12. In-nefqa fuq l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità** kienet relattivament baxxa meta mqabbla mal-estimi. Qabel u waqt it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport seħħew serje` ta' **Attivitajiet Kulturali** li l-ispiża fuqhom, bejn April u Ġunju 2010, kienet imqassma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Attivitajiet Organizzati flimkien ma' Għaqdiet tal-Lokal | ú1,345 |
| Milied Melliehi '09 | ú 236 |
| Animal Fest'10 | ú 925 |
| Attivitajiet fl-Okkażjoni ta' Jum l-Omm | ú 177 |
| Festa ta' San Gwann tal-Ħġejjeġ | ú1,842 |
| Festa Ambjent | ú 384 |
| | ú4,909 |

11.13. Kif intqal fin-nota Nru. 4 aktar 'il fuq, bejn April u Ġunju kien hemm *sponsorship* illi laħħaq ú2,275 b'risq l-attivitajiet li ġew organizzati. Fir-rigward ta' Milied Mellieħi 2009, il-Kunsill kien għad jonqsu jirċieva is-somma ta' ú1,500, dovuta taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali. Ta' minn jinnota wkoll li n-nefqa fuq l-Ospitalita` u Servizzi lill-Komunita` reġgħet kienet inqas mill-estimi, partikularment f'dak li jirrigwarda l-**Attivitajiet Kulturali**.

11.14. F'Ġunju seħħet iż-żjara minn grupp ta' ħmistax-il persuna żgħażugħ minn Elblag il-Polonja, bħala parti mill-Proġett ***"Two Coasts One Europe".*** Iż-żjara kienet tinvolvi spiża diretta ta' madwar ú11,300 li parti sostanzjali kienet fuq l-ivjaġġar u tħallset miż-żgħażagħ Pollakki. Din l-ispiża mistenni li tiġi rkupata permezz ta' fondi taħt il-*Youth in Action Programme* tal-Unjoni Ewropea, amministrati lokalment mill-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA). Aktar kmieni f'Marzu seħħet iż-żjara minn grupp ta' ħmistax-il persuna żgħażugħ Melleħin fil-Polonja, li kienet tinvolvi spiża ta' ú7,743 fuq ivjaġġar, li 63% ġiet irkuprata minn *sponsorship* li ngħata minn Green MT Ltd (ú2,600) u parti minn kontribuzzjonijiet li għamlu l-istess żgħażagħ (ú2,250). Qed isiru sforzi sabiex id-differenza ta' ú2,892.95 tiġi koperta wkoll minn sorsi oħra.

11.15. F'dak li jirrigwarda spejjeż fuq l-introduzzjoni ta' **Dwal Ġodda fit-Toroq**, fl-ewwel tliet xhur tas-sena finanzjarja ġiet rreġistrata nefqa ta' ú5,794, li kienet tinvolvi t-tqegħid ta' pajpijiet fil-bankini l-ġodda li saru fi Triq in-Nixxiegħa – Santa Marija Estate. Sa Ġunju, il-proġett dwar l-installazzjoni ta' lampi ġodda fi Triq il-Hena, Ħlewwa, Sliem, Għaqda, Palm, Nixxiegħa u Alwetta, kien wasal biex jintemm ix-xogħol fuqu u għalhekk tidher nefqa kommessa ta' ú70,000.

11.16. Ix-xogħol fuq ir-***Resurfacing* ta' Triq il-Kbira,** bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier, ġie postpost għall-Jannar 2011, filwaqt li l-Kunsill qed jagħmel it-tħejjijiet kollha meħtieġa biex meta jkun għaddej ix-xogħol ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli u telf ta' negozju mill-komunita' kummerċjali milquta.

11.17. Wara li fl-ewwel tliet xhur tas-sena finanzjarja inqatgħu l-ispejjeż professjonali b'rabta mal-**Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ**, beda jinxtara l-materjal li fil-parti l-kbira sar permezz ta' kuntatt li ngħata apposta. Il-proġett qed jitwettaq bil-koperazzjoni tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, filwaqt li sa issa kien jinvolvi l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ, fejn ħafna mill-materjal użat kien jinsab fuq il-post. Minħabba dawn ir-raġunijiet, l-infieq irreġistrat ma kienx jirrefletti l-valur tax-xogħol kollu li sar.

11.18. Ix-xogħol fuq il-**Proġett ta' Tisbiħ fi Triq Qasam Barrani** intemm fi Frar 2010, iżda l-valur kollu tiegħu mhuwiex rifless fin-nefqa attwali fl-iskedi aktar 'il fuq. Il-kuntrattur konċernat kien għadu ma' għadda ebda talba għall-ħlas relattiv, għalkemm huwa stmat li din mhux mistennija li taqbeż ú60,000. L-ispejjeż attwali li jidhru fl-iskeda aktar 'il fuq huma marbuta max-xiri tat-tagħmir meħtieġ biex saret is-sistema tal-irrigazzjoni tar-*roundabout* u s-*centre-strip*.

11.19. Wara din l-ispjegazzjoni, il-Kunsill approva r-rapport u talab lis-Segretarju jgħaddiħ lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 12.1. Servizz dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat (K/6/2/Vol V)

12.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għall-offerti dwar il-kuntratt imsemmi hawn fuq għalqet fit-2 ta' Awwissu 2010 u kien hemm erba' kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom u kkwotaw rati skond l-iskeda li ġiet mgħoddija lill-istess offerenti. L-istess skedi ġew mgħoddija lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta. L-offerenti kienu:

- Borg Skip Hire
- Euro Clean Waste Services
- Northern Cleaning Co-Operative Ltd
- Velljo Cleaning Services

12.3. Il-Kunsill qabel li d-deċiżjoni dwar dawn l-offerti għandha ssir wara li dawn jiġu studjati mit-*Tender Adjudication Board*.

### 13.1. Ftehim dwar il-gbir ta' skart reciklabbli (K/6/10/Vol III)(K/6/2/Vol V)

13.2. Is-Sindku rrefera għal laqgħa li kellu ma' rappreżentant minn Green MT Ltd, fejn sar magħruf li skond il-ftehim li ġie ffirmat aktar kmieni din is-sena, għall-perjodu Frar/Ġunju 2010, l-istess kumpanija ser tgħaddi lill-Kunsill dawn il-pagamenti:

- ú900 bħala rikonoxximent għax-xogħol amministrattiv li sar mis-Segretarjat tal-Kunsill skond il-Klawsola (b) tal-ftehim; u

- ú1,556 għall-piż li nġabar 'il fuq minn 3,100 kg fil-ġimgħa, li skond il-Klawsola (ċ) jitħallas bir-rata ú15 għall-kull tunnellata addizzjonali miġbura;

13.3. Skond il-Klawsola (g) tal-ftehim, Green MT Ltd ipprovdiet 38 *litter bin* li jippermettu s-separazzjoni tal-iskart fil-bajjiet li jiswew ú9,325.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 14.1. Bdil ta' qsari fi Triq il-Kbira (P/4/17)

14.2. Is-Sindku ppropona li l-qsari li hemm miksura fi Triq il-Kbira għandhom jinbidlu ma' oħrajn iktar baxxi u tal-plastik. Huwa qal li dan it-tip ta' materjal inaqqas il-possibilta` li jiġu vandalizzati, kif qed jiġri ħafna drabi.

14.3. Il-Kunsill qabel li l-qsari miksura għandhom jinbidlu kif propost wara li jinġiebu stimi.

14.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-qsari li kienu tpoġġew fi Triq is-Sifa, Triq Sant' Anna, Triq il-Qigħan u Triq il-Mitħna l-Ġdida, jeħtieġu manutenzjoni, peress li r-residenti illi oriġinarjament kienu jieħdu ħsiebhom, għal xi raġuni m'għadhomx jagħmlu hekk. Huwa għalhekk ippropona li dan l-inkarigu għandu jingħata lill-kuntrattur Gardentech, skond kif hemm ipprovdut fl-istess kuntratt.

14.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 15.1. Monument li jikkommemora l-ġemellaġġi (K/6/4/1)

15.2. Is-Sindku għarraf li saret sejħa għall-offerti sabiex jitwaqqaf il-monument li jikkommemora l-ġemellaġġi li saru bejn il-Mellieħa u l-lokalitajiet ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa, fuq ir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li saret sejħa oħra dwar il-*landscaping* tas-*soft area* li tinsab bejn l-istess toroq, liema sejħa kellha tiġi sospiża peress li l-pjanti aġġornati biex bil-modifikati li saru mid-disinjatur Carlo Schembri, kienu għadhom ma tlestewx kif kien maħsub.

15.3. Il-Kunsill innota dawn l-iżviluppi.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru 2010, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |